# Nimxu 'l Quddiem

*Ta'* Walter Zahra

BENJAMIN DISRAELI, il-għaref Prim Ministru Ingliż li għax dwar il-100 sena ilu, darba qal :—

"Aħna nittamaw iżżejjed fuq liġijiet u sistemi u ftit jew xejn fuq il-bniedem."

Dan il-kliem hu hekk floku li tista' tgħid nistgħu wkoll ingħiduh għali-ħajja tagħna tal-lum.

Il-patrijott Irlandiż William Dargan meta kien qed jagħmel diskors f'għeluq ta' Esibizzjoni Industrjali qal :—

" Smajt bosta jitkellmu fuq l-Indipendenza li nistgħu nak-
" kwistaw minn dan jew dak il-post, u minn dak li kellna nisten-
" new minn ċerti persunaġġi... Waqt li jien napprezza, bħal nies
" oħra, il-vantaġġi kbar li nistgħu niksbu, kont impressjonat
" minn dejjem li l-indipendenza industrjali tagħna tiddependi
" minna nfusna. Jiena nemmen li sempliċement bil-ħidma tagħna
" u bl-enerġija tagħna jista' jkollna ċans aħjar u prospetti itjeb
" għalli ġej.

"Aħna l-lum imxejna pass 'il quddiem, iżda l-perseveranza
" hi l-qofol ta' kull rebħa, u jekk aħna nimxu 'l quddiem b'ħeġ-
" ġa kbira, jiena żgur li fi żmien qasir, naslu f'qagħda tajba, ta'
" hena u ta' indipendenza daqs dik ta' ġnus oħra. "

Kieku kellna nbiddlu xi kelma 'l hawn u 'l hinn minn dan id-diskors, nistgħu bla tfixkil ngħodduh għalina nfusna u għażżmien tagħna.

Sentejn ilu akkwistajna mill-ġdid Gvern Responsabbli (jiġifieri gvern Malti, magħmul minn Maltin, u magħżul bil-vot tal-Maltin) li għalina jfisser, nista' ngħid, daqs l-indipendenza msemmija mill-patrijott Dargan. Iżda hu bix-xogħol ta' kull wieħed minna, kulħadd skond ħiltu u seneghtu, magħqudin flimkien, mingħajr mibegħda u mingħajr għira, mingħajr ma ngħoddu rwieħna tajbin aktar minn ħaddieħor, li nistgħu naslu f'suċċessi kbar.

Ma għandniex nistennew kollox u kull ċaqliqa minn għand il-Gvern. Ikun liema partit ikun fil-ħakma, aħna lkoll bil-ħidma tagħna għandna nagħmlu 'l Malta pajjiż ta' min igħix fiha. Ma għandniex ingħoddu biss fuq il-għajnuna barranija. Il-għajnuna minn barra aktarx titlef ħafna minn prezzha, iżda l-għajnuna tagħna nfusna timliena bl-enerġija.

Il-bniedem ma għandu qatt iħalli għal ħaddieħor dak x-xogħol li jista' jagħmel hu nnifsu. Meta poplu jkun immexxi wisq mill-gvern, hu aktarx isir bla ħila u jitlef kull spirtu ta' inizjativa.

Jinħtieġ li din ix-xejra ta' *Stennija ta' tmexxija minn ħaddieħor* tinqered minn fost iż-żgħażagħ tagħna, li huma l-irġiel ta' għada, sabiex il-ġens Malti jkun jista' jimxi 'l quddiem u jistenna trattament u opportunitajiet daqs ta' ġnus oħra.

"Alla jgħin lil dawk li jgħinu ruħhom". Dan il-proverbju magħruf u ippruvat għandu jkun id-dawl li jmexxi lil kull wieħed minna.

Kull bniedem għandu jagħmel dak li hu fil-ħila tiegħu u ma għandu qatt jistenna li jagħmilhulu ħaddieħor.

Bidla ta' gvern tista' biss tbiddel il-ħakkiema, iżda l-veru ħelsien jiġi biss mir-rieda tagħna. Is-sistema sħiħa tal-libertà u Egwaljanza hi mibnija fuq il-karattru ta' kull individwu, u hu wkoll l-iżjed garanzija soda għas-sigurtà u progress nazzjonali.

Meta l-bniedem ikollu karattru sod, l-ebda dittatur ma jista' jaħkem fuqu, iżda meta l-karattru individwali jintilef il-ħakkiem despotiku jsib iċ-ċans tiegħu.

Għalhekk għandna nibnu fina karattru individwali tajjeb, inkunu kburin bin-nazzjonalità tagħna u bil-ħila tagħna. Ma għadniex infittxu dejjem lill-Kap tagħna biex imexxina hu, ma għandniex naħarbu r-responsabbiltà li taqa' fuqna u lanqas inħallu dik il-ħidma għal ħaddieħor jekk inkunu nistgħu naqduha aħjar, imqar bi ftit tbatija.

Nazzjon issir dak li hi bil-ħsieb u bil-ħidma ta' ġenerazzjonijiet tal-poplu tagħha.

Il-paċenzja u l-perseveranza tal-ħaddiema ta' kull klassi, bdiewa, sidien ta' fabbriki, mekkaniċi, poeti, filosofi, tobba, avukati, qassisin u politiċi, kollha jgħinu biex ikabbru l-ġieh tan-nazzjon.

Kull ġenerazzjoni tibni x-xogħol tagħha fuq il-ħidma tal-ġenerazzjoni ta' qabilha u b'hekk il-pajjiż jikseb unur u esperjenza.

M'humiex in-nies kbar u l-għorrief biss li jmexxu l-pajjiż 'il quddiem. Kulħadd, fqir jew għani, ħaddiem jew benestant, impjegat jew sid, bix-xogħol tiegħu jgħin biex jagħmel lil pajjiżu hieni u għani.

Il-proverbju "Għin lilek innifsek" għandu jkun id-dawl mexxej ta' kull ġens li jrid jimxi 'l quddiem.

Għalkemm ftit huma dawk il-bnedmin li jogħlew 'il fuq minn sħabhom u jagħmlu isem għalihom u għal pajjiżhom u jibqgħu mfakkrin għal dejjem; hu bix-xogħol tal-poplu kollu, ta' nies anqas magħrufin u msemmijin minn ta' l-ewwel li l-progress tal-pajjiż jista' jseħħ.

Għalkemm fi gwerra jissemmew biss l-ismijiet tal-ġenerali, hu bil-ħila u l-kuraġġ ta' kull suldat u baħri li tintrebaħ il-battalja. Il-poplu hu "is-suldati" fit-taqbida ta' kull jum, u għalkemm isimhom ma jitniżżilx fil-kotba ta' l-Istorja, huma jkunu għenu ċ-ċiviltà u l-progress tan-nazzjoni iżjed minn dawk il-kbar li isimhom igħammex il-għajnejn.

Il-għaqal u l-onestà f'kull pass tal-ħajja tagħna għandhom influwenza fuq il-ġid preżenti u ġejjeni tan-nazzjon tagħna għaliex it-tifsila tal-karattru tgħaddi mill-missier għall-iben kemm jekk tajjeb u kemm jekk ħażin.

L-iskejjel, l-akkademji, il-kulleġġi l-universitajiet u x-xirkiet kulturali jippreparaw il-bniedem biex igħix ħajja xierqa, iżda hu l-karattru individwali tiegħu li kull ħin imexxi lill-bniedem u hu responsabbli għal għemilu.

L-influwenza li t-tifel jikseb mit-tagħlim ta' l-iskola hi wisq żgħira fejn dik li toħroġ mid-dar, mit-triqat, mill-każini u mill-lokalitajet l-oħra fejn jiltaqgħu ħafna nies.

Il-għaref Schiller jgħid li "t-tagħlim tal-ġens uman jinstab fi-ħidma, fil-kondotta, fil-kontroll individwali li jagħmlu lil bniedem tajjeb u ta' ħila biex jaqdi dmiru f'din il-ħajja. Din il-għamla ta' tagħlim ma nsibuhiex fil-kotba u fl-iskejjel. L-istudju ma jgħallimx l-użu tiegħu iżda hemm għerf mingħajru u akbar minnu li jiġi biss mill-osservazzjoni."

U għalhekk hu minħabba dan il-kliem li l-kbir missierna San Pawl qal f'waħda mill-ittri tiegħu "li aħjar bniedem jorbot ħaġra ma' għonqu u jinxteħet fil-baħar fond milli jagħti skandlu".

It-tagħlim taż-żgħażagħ għandu jkun imsejjes fuq dawn il-prinċipji. Hu b'osservazzjonijiet bħal dawn li għandna nibnu l-karattru tagħna u ta' wliedna jekk aħna tassew irridu li ċ-ċkejkna Malta tagħna tibqa' timxi 'l quddiem fuq il-mogħdija li fasslulha misserijietna, u jekk aħna rridu nistennew minn ġnus oħra rispett, opportunitajiet u kondizzjonijiet bħalma qed igawdu huma.

Ejjew immela, ma nistriħux fuq il-għajnuna ta' ħaddieħor. L-ispirtu ta' għajnuna lilna nfusna għandu jkun il-għerq ta' l-individwalità ġenwina tagħna u għandu jirrifletti fil-għemil ta' kull wieħed minna.

Dan l-ispirtu jifforma l-ħmira tas-saħħa u ta' l-enerġija nazzjonali.